MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 1477/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Dino Scicluna**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dino Scicluna detentur tal-karta tal-identita` numru 507280(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-25 ta' Mejju 2006 jew fil-jiem ta' qabel:

1. Ikkorrompa lil Francis Catania, ufficjal fid-Direttorat tal-Licenzji, u dan sabiex Francis Catania jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta’ dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex iggieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 42, 115(b), 120(1), 185, 186 u 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Stante ammissjoni ghall-akkuzzi kif dedotti kontrih, mill-imputat Dino Scicluna fi stadju bikri tal-proceduri u l-konferma ta’ tali ammissjoni meta nghata l-hin opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u stante li l-istess imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, qed issibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------